# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-12 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 1104/2009 SM**

**SECA Electroplating Limited**
**(C – 32796)**

**vs.**

**Charles Farrugia**
**(Detentur tal-Karta ta' l-Identita`**
**bin-numru 321378 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-12 ta' Novembru, 2009, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti, fost affarijiet ohra, taghmel xoghol ta' banjar bid-deheb ta' diversi oggetti li taghhom ikunu proprjetarji l-klijenti tal-istess socjeta` rikorrenti;

1.2. Illi l-intimat kien impjegat tal-istess socjeta` rikorrenti bhala *“sprayer”* u *“polisher”* fil-perjodu bejn Gunju u Ottubru, 2009;

1.3. Illi fl-istess perjodu indikat fil-paragrafu precedenti s-socjeta` rikorrenti soffriet:

1.3.1. Serq ta’ flus kontanti proprjeta` taghha;

1.3.2. Serq ta’ diversi oggetti proprjeta` taghha;

1.3.3. Serq t’oggetti ohrajn proprjeta` tal-klijenti taghha, li ghalihom kienet u ghada risponsabbli l-istess socjeta` rikorrenti;

1.4. Illi l-intimat hu responsabbli ghas-serq fuq indikat, (ara foll 5);

1.5. Illi l-flus u l-oggetti misruqa mill-intimat ghandhom valur ta’ mhux anqas minn tnejn u sebghin elf, sitt mija u sitta u tmenin euro u wiehed u ghoxrin centezmu, (€72,686.21);

1.6. Illi s-socjeta` rikorrenti soffriet telf ta’ qligh u spejjez ohra peress li f’Ottubru, 2009, kellha tissosspendi l-attivita` kummercjali taghha u tiehu mizuri biex ittejjeb is-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha kagun tal-agir abbuziv u illegali tal-intimat;

1.7. Illi rizultat tal-istess soffriet, u ghada issofri, danni ingenti;

1.8. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara lill-intimat responsabbli tas-serq ta’ flus u t’oggetti elenkati a foll 5;

1.8.2. Tikkundanna lill-intimat jirrestitwixxi l-flus u l-oggetti misruqa fil-kondizzjoni originali taghhom;

1.8.3. Tiddikara lill-intimat responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti;

1.8.4. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti, jekk hemm bzonn bl-opra ta’ *periti nominandi*;

1.8.5. Tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni hekk likwidati;

1.8.6. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-1 ta’ Dicembru, 2009, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

2.1. Illi jichad li seraq dak lilhu addebitat fir-rikors guramentat promotur;

2.2. Illi jaccetta li ha xi oggetti ta’ valur zghir li kienu gew ritornati;

2.3. Illi f’daqqa wahda s-socjeta` rikorrenti bdiet tirriklama ammonti mhux gustifikati;

2.4. Illi m’ghandu jirrestitwixxi xejn lis-socjeta` rikorrenti u lanqas ghandu jhallas xi danni lill-istess;

2.5. Illi ghalhekk jikkontesta l-lista a foll 5;

2.6. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

2.7. Illi l-ispejjez ghandhom ikunu kontra l-istess socjeta`;

2.8. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-10 ta’ Novembru, 2010, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat, (ara foll 17);

4. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat il-25 t’Ottubru, 2011, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm espressa, irrevokat il-hatra indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 58);

5. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 175);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata l-11 ta' Jannar, 2016, (ara foll 177), flimkien ma' dik tal-intimat datata l-1 ta' Marzu, 2016, (ara foll 187);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti flimkien max-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mad-dikjarazzjonijiet guramentati prezentati *in atti*;

9. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi s-socjeta` rikorrenti taghmel xoghol t' *"electroplating"*, senjatament l-ibbanjar, tindif u restawr t'oggetti tal-kromju, fidda u deheb, (ara foll 19);

10.2. Illi l-intimat kien impjegat bhala *"sprayer"* (ara foll 63), bejn il-perjodu bejn Gunju, 2009, (ara foll 20), sa Ottubru tal-istess sena, (ara foll 31);

10.3. Illi fil-perjodu msemmi fil-paragrafu precedenti kien hemm perjodu ta' *"shutdown"* ta' tliet gimghat f'Awwissu tal-istess sena, (ara foll 21);

10.4. Illi fil-perjodu fuq identifikat tal-impjieg tal-intimat mas-socjeta` rikorrenti, (ara paragrafu numru ghaxra punt tnejn, (10.2.), bdew jinstabu diversi oggetti u flus neqsin, appartenenti lis-socjeta` rikorrenti u lill-klijenti taghha, (ara foll 21);

10.5. Illi f’dak il-perjodu s-socjeta` rikorrenti kellha sebgha (7) impjegati, (ara foll 20);

10.6. Illi s-socjeta` rikorrenti bdiet tinduna li kienu qed jonqsu l-affarijiet wara li bdew jigu ezaminati l-fatturi tal-oggetti li kienet tuza biex taghmel ix-xoghol taghha, (ara foll 21);

10.7. Illi fil-frattemp bdew jonqsu wkoll oggetti li l-klijienti kienu jgibu ghand is-socjeta` rikorrenti, (ara foll 23);

10.8. Illi rinfaccata b’dan, stallat *“cameras”* biex jissorveljaw x’kien qed jigri, (ara foll 27 u 63);

10.9. Illi rizultat tal-istallar tal-*“cameras”* irrizulta li deher l-intimat jiehu materjal tal-*“polish”* mill-i*store* u jdahhalhom f’hobbu, (ara foll 29 u 63);

10.10. Illi minn investigazzjoni aktar approfondita irrizulta li l-intimat gie iffilmjat ukoll jiehu flus minn kxaxen li kienu f’ufficcji li hu ma kellux ghalfejn jidhol fihom, (ara foll 64);

10.11. Illi *di piu`*, sussegwentement irrizulta lill-istess socjeta` rikorrenti li nstabu diversi oggetti li kienu fil-pussess tas-socjeta` rikorrenti neqsin, fosthom ciborju, (ara foll 22), u sett gandilabri tal-fidda, (ara foll 30);

10.12. Illi skont prospett finali dettaljat ipprezentat mis-socjeta` rikorrenti tal-oggetti misruqa mill-intimat, (ara foll 5 u 56), din qed tallega li l-intimat seraq l-ekwivalenti ta’ tnejn u sebghin elf, sitt mija u sitta u tmenin euro u wiehed u ghoxrin centezmu, (€72,686.21);

10.13. Illi l-filmati ipprezentati *in atti* jikkonfermaw l-allegazzjoni tal-istess socjeta` rikorrenti, (ara foll 76);

10.14. Illi rizultat tal-istess l-intimat anke kien rinfaccat bi procedura kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Nikolai Sant) vs. Charles Farrugia***, datata l-***21 t’Ottubru, 2009***, li ghaliha l-istess intimat kien ammetta ghall-imputazzjonijiet hemm dedotti kontra tieghu, (ara foll 85 u 160);

10.15. Illi l-akkuza hemm dedotta kontra l-intimat kienet limitata bil-valur ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu, (€2,329.37), (ara foll 86 u 161), liema ammont hu ferm aktar inferjuri minn dak indikat fl-imsemmi prospett ipprezentat mis-socjeta` rikorrenti fl-atti ta' din il-procedura;

10.16. Illi s-socjeta` rikorrenti tiggustifika din id-differenza ghaliex hi kompliet tinvestiga s-sitwazzjoni anke wara l-konkluzjoni tal-procedura kriminali fejn konsegwenza tal-istess instab li r-realta` kienet ferm aktar serja, (ara foll 30 u 64);

10.17. Illi ghalhekk issa s-socjeta` rikorrenti qed tinsisti li d-danni rekati lilha mill-intimat jammontaw ghal €72,686.21 u mhux ghal €2,329.37;

Ikkunsidrat:

11. Illi fir-rigward tal-principji li jikkoncernaw l-apprezzament tal-provi l-***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Emmanuel Ciantar vs. David Curmi et***, datata it-***28 ta' Marzu, 2003***, sosstniet is-segwenti:

> "Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbilita`, sostrat baziku ta' azzjoni civili, inkwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli";

12.0. Illi s-suespost qieghed jinghad fid-dawl li l-kontendenti qeghdin jirrilevaw ammonti ferm distinti minn xulxin, senjatament:

12.1. Is-socjeta` rikorrenti: €72,686.21;

12.2. L-intimat: Anqas minn €2,329.37;

13. Illi f'dan il-kuntest issir ukoll referenza ghall-insenjament tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Mediterranea Distribuzione Srl vs. Dr Richard Galea Debono bhala stralcjarju ta' IFIX Trade***, datata s-***6 t'Ottubru, 2015***, li irriteniet is-segwenti:

"Fi kliem iehor il-qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant", (Kollezjoni Volum L p.II p.440);

14. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghall-insenjament tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuele u Rose konjugi Aquilina vs. Lorraine u Frank konjugi Farrugia***, datata t-***28 ta' Gunju, 2001***, li rriteniet is-segwenti:

"Illi fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurizprudenza taghna li l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni;

Ikkunsidrat:

15. Illi x-xhud Claus Seaman jikkonferma li l-listi tal-ammonti u oggetti misruqa mill-intimat komplessivament jammontaw ghal €72,686.21, (ara foll 110);

16. Illi l-kontegg finali gie mahdum wara li l-istess intimat kien gia` gie mkecci mix-xoghol minn mas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 110);

17. Illi l-prospett finali tal-istess inhadem mill-istess Seaman flimkien ma Mark Cammilleri u Albert Gatt, (ara foll 64 u 113);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi fir-rigward tal-prospett *de quo* isiru s-segwenti riflessjonijiet:

18.1. Illi fil-prospett tas-socjeta` rikorrenti a foll 5 hemm indikat li l-ammont misruq mill-bejgh u l-*"petty cash"* jammonta ghal €9,071.92, (ara foll 5, 44 u 56);

18.2. Illi mix-xhieda ta' Mark Cammilleri direttur tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta li hu kien infurmat minn Albert Gatt li l-ammont li nstab nieqes mill-ufficju tieghu kien ta' (€120.60), (ara foll 23);

18.3. Illi fir-rigward ta' dan il-kap partikolari inkluz fil-prospett in dizamina s-socjeta` rikorrenti ma pprezentat l-ebda ricevuta ghall-flus uzati biex tixtri l-oggetti tal-klijenti li sfaw neqsin mill-istess socjeta`;

18.4. Illi f'dan ir-rigward ukoll jirrizulta li effettivament hemm sitt (6) okkazjonijiet fejn l-intimat inqabad fuq il-*camera* imiss il-kexxun tal-flus tal-istess socjeta`;

18.5. Illi jigi sottolineat li l-intimat ma kellu l-ebda raguni ghaliex ikun fejn il-kexxun fejn kienu jinzammu l-flus tal-istess socjeta`;

18.6. Illi fir-rigward jinghad li fuq bazi ta' probabilita` l-intimat ha nofs is-somma reklamata mis-socjeta` rikorrenti;

18.7. Illi fir-rigward tac-ciborju reklamat mis-socjeta` rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

18.7.1. Illi dan irrizulta nieqes mis-sit tas-socjeta` rikorrenti;

18.7.2. Illi konsegwentement l-istess socjeta` ssosstni li kellha tixtri ciborju iehor lill-klijent taghha;

18.7.3. Illi ssosstni li dan kien jammonta ghal €750.00, (ara foll 5, 44 u 56);

18.7.4. Illi pero` s-socjeta` rikorrenti ma pprezentat l-ebda ricevuta fir-rigward;

18.8. Illi rigward il-kandelabri jinghad sintetikament is-segwenti:

18.8.1. Illi dawn jirrizultaw identifikati fil-prospett a foll 5, 44 u 56;

18.8.2. Illi par minnhom jiswa €20,000.00;

18.8.3. Illi iz-zewg pari l-ohra jiswew €10,000.00 kull wiehed;

18.8.4. Illi x-xhud Veronica Grech spjegat li l-intimat kien jistaqsiha kif jaghraf il-fidda minn dik *"sterling"* ghal dik *"plated"* u li hi spjegatlu d-differenza bejniethom;

18.8.5. Illi jirrizulta li ftit wara dawn il-kandelabri nsterqu;

18.8.6. Illi f'dan il-kwadru kif fuq espost jinghad li a bazi ta' probabilita` l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li l-intimat seraq l-istess kandelabri hi verosimili;

18.9. Illi fir-rigward il-*"gold bath"* u l-*gold replenisher"* jinghad sintetikament is-segwenti:

18.9.1. Illi lis-socjeta` rikorrenti rrizultala li dawn il-banjijiet kienu qed jigu diluati, (ara foll 38 sa 40 u 147 sa 149);

18.9.2. Illi jirrizulta ghalhekk li l-koncentrazzjoni tad-deheb fil-banjijiet nizlet sew;

18.9.3. Illi ghal darb' ohra, fuq bazi ta' probabilita` jinghad li t-tnaqqis tal-koncentrazzjoni tad-deheb riskontrat hu responsabbli ghalih l-istess intimat;

18.10. Illi fir-rigward tal-*"polish mops"* jinghad sintetikament is-segwenti:

18.10.1. Illi l-istess intimat jammetti li kien hu li ha l-istess oggetti hawn ezaminati, (ara foll 94);

18.10.2. Illi a bazi tax-xhieda ta' Mark Camilleri (ara foll 29) u tal-prospett a foll 5, 44 u 56, ghandu jirrizulta pacifiku wkoll li l-istess intimat ha wkoll il-*"polish mops"*;

18.11. Illi rigward il-*"laquer"*, jinghad sintetikament is-segwenti:

18.11.1. Illi a bazi ta' probabilita` jirrizulta assodat ukoll li l-intimat kien ha dan il-*"laquer"* billi kien jimla fliexken tal-ilma b'dan il-prodott, (ara foll 72);

18.12. Illi rigward l-ingwanti u *"filters"* jinghad sintetikament is-segwenti:

18.12.1. Illi dawn allegatament kienu jiswew komplessivament €181.35, (ara foll 5, 44 u 56);

18.12.2. Illi pero` ma jirrizultax li s-socjeta` rikorrenti resqet xi provi fir-rigward;

18.12.3. Illi in vista tal-principju ***actore non probante reus absolvitur*** din it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

19. Illi in vista tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti gew ipprovati fuq il-bazi tal-korrobarazzjoni fil-maggor parti taghhom, *stante* li l-verzjoni tal-istess socjeta` hi aktar verosimili minn dik tal-intimat;

20.0. Illi ghalhekk, fir-rigward tal-prospett fuq riferit jinghad sintetikament li qieghed jittiehed bhala ipprovat bl-eccezzjoni tas-segwenti:

20.1. Il-flus kontanti li jirrizultaw li kien nieqes ammont ferm anqas minn dak allegat, (ara paragrafu numru tmintax punt zero, (18.0.), aktar qabel);

20.2. Ic-ciborju, (€750.00);

20.3. Il-*“filters”* u l-ingwanti, (€181.35);

Ikkunsidrat:

21. Illi in vista tal-premess ghalhekk, fuq il-bilanc ta’ probabilita` jirrizulta li l-intimat seraq lis-socjeta` rikorrenti l-ammont komplessiv ta’ seba’ u sittin elf, tliet mija u tmin euro u disa’ centezmi, (€67,308.09);

**DECIDE:**

22.0. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li fil-limiti fuq esposti, s-socjeta` rikorrenti ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li fl-istess limiti fuq esposti;

22.1. Tiddikjara li takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

22.2. Tirrespingi konsegwentement ir-risposti tal-intimat fid-dawl tal-istess rizultanzi;

22.3. Tiddikjara li l-intimat Charles Farrugia hu responsabbli tas-serq ta’ flus u oggetti kif fuq elenkat;

22.4. Tikkundanna lill-istess intimat jirrestitwixxi l-flus u l-oggetti minnu misruqa fil-kundizzjoni originali taghhom;

22.5. Tiddikjara lill-istess intimat responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti;

22.6. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta’ seba’ u sittin elf, tliet mija u tmin euro u disa’ centezmi, (€67,308.09);

22.7. Tikkundanna lill-imsemmi intimat ihallas id-danni hekk likwidati fil-paragrafu precedenti;

22.8. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat fuq indikat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**